# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI Nru. 2517

**Kaz Nru. 3220/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**
**bejn**
**Salama Abdellatif (ID 35354A)**
**u**
**CareMalta Ltd (C 2838)**
**(dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta).**

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti Salama Abdellatif, li gie pprezentat fir-Registru tal-Qorti fis-6 ta' Marzu, 2014. Matul is-smigh tal-Kaz ir-Rikorrent kien assistit mill-Avv. Charmaine Cherrett u ghas-Socjeta ntimata deheru s-Sur Charlo Bonnici li kien assistit mill-Avv. Ian Spiteri Bailey.**

**Fl'Istqarrija tal-Kaz ir-rikorrent jghid, li kien impjegat mas-socjeta CareMalta Limited bhala Kitchen Assistant liema mpjieg kien fuq bazi part-time u b'kuntratt tax-xoghol defenittiv. Huwa jghid ukoll, li kien ilu mpjegat mas-socjeta sa mis-sena 2011.**

**Ir-rikorrent jghid ukoll, li x-xoghol tieghu kien fid-dar ta' l-anzjani li jismiha "Roseville" li tinsab H'Attard. Huwa jghid ukoll, li fil-bidu ta' Dicembru, 2013 impjegata ohra tad-dar ghamlet allegazzjoni fil-konfront tieghu u liema allegazzjoni giet michuda minnhu.**

**Huwa jghid ukoll fl-istqarrija tal-kaz tieghu, li nsegwitu ta' din l-allegazzjoni kienet inzammet laqgha quddiem il-grupp dixxiplinarju fi hdan id-dar ta' l-anzjani u ghal liema laqgha huwa kien attenda minghajr ma kellu assistenza legali. Huwa jghid ukoll, li wara din il-laqgha huwa rcieva korrispondenza minghand is-socjeta ntimata li kienet datata 12 ta' Dicembru, 2013 fejn gie nfurmat li s-socjeta ntimata tilfet il-fiducja fih u l-impieg tieghu kien qed jigi tterminat b'effett immedjat.**

**Ir-rikorrent jghid ukoll fl'istqarrija tal-Kaz tieghu, li fil-waqt li jichad l-allegazzjonijiet li saru kontra tieghu huwa kien dejjem impjegat diligenti fuq xogholu u qatt ma nghata warnings u ghaldaqstnat ihoss li d-decizjoni tas-socjeta kienet wahda ngusta**

**Ghas-socjeta ntimata da parti taghha qalet, li l-kumpanija ghandha zero tollerence policy fuq kwistjonijiet ta' fastidju sesswali. Di fatti, il-kumpanija ghandha policy dwar dan mghamul bil-Malti u bl-Ingliz u l-haddiema kollha jafu bih u ntalbu biex jaqrawh.**

**Il-Kumpanija tghid ukoll li d-dokument mhux biss fih id-definizzjonijiet, izda wkoll il-procedura li trid tigi adottata u dikjarazzjoni skjetta u cara li l-fastidju huwa offiza gravi li tista tirrizulta fi tkeccija fil-pront. Il-Kumpanija tghid ukoll, li din il-policy qeghda wkoll fi'employee handbook li hu disponibbli ghal kull impjegat.**

**Fl-istqarrija taghha l-kumpanija tghid ukoll, li fil-kaz odjern l-kap tad-Dipartiment tal-kcina tad-dar ta' l-Anzjani Roseville li tinsab f'Attard kienet irraportat lill management illi mpjegata fl-istess kcina, fl-eta ta' 17 il-sena kienet irraportat kaz ta' fastidju sesswali maghmul fuqha minn Salama Abdelattif. Il-Kumpanija tghid ukoll, li mir-rapport li sar kien jindika li dan l-agir irrepeta ruhu aktar minn darba.**

**Il-Kumpanija tghid ukoll li wara dan ir-rapport, hija hadet immedjatament il-passi opportuni skond il-procedura stabbilita. Konsegwentament, gie mahtur Bord ta' dixxiplina li kien kompost minn tlett persuni fejn semgha l-kaz inkwestjoni u gew imressqa biex jghidu**

**l-parti taghhom kemm ir-rikorrent, il-persuna li qed tallega kif ukoll xhieda ohra.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li waqt is-smigh tal-kaz ghalkemm ir-rikorrent cahad li ta' fastidju sesswali izda qal ukoll, li peress il-post fejn jahdmu huwa wiehed zghir u ristrett gieli waqt il-qaghdi tax-xoghol mess mal-persuna li qed tallega li sar fastidju sesswali fuqha.**

**Is-Socjeta tghid ukoll, li l-persuna li qed tallega li sar fastidju sesswali fuqha qalet quddiem il-Bord ta' dixxiplina, li r-rikorrent kien ilu jtiha fastidju sesswali, u dan billi kien imissha, kien ihokk maghha, stedina ghal bews u hi dejjem urietu li ma rieditx tkompli mieghu.**

**Fl-istqarrija taghha is-socjeta tghid ukoll, li kien hemm xhieda fejn qalu li l-persuna li qed tallega gieli fethet qalba maghhom u qaltilhom x'kien qed jghamillha r-rikorrent u liema fastidju kien ilu sejjer madwar tlett gimghat.**

**Is-Socjeta tghid ukoll, li l-konkluzjoni tal-Bord ta' dixxiplina sab illi l-verzjoni tal-persuna li kienet qed tallega kienet konsistenti fil-waqt li r-rikorrent kien incert u di fatti ma kienx korret f'dettalji li gew moghtija minnhu. Is-socjeta tghid ukoll, li hasset li l-verzjoni tal-persuna li**

**kienet qed tallega kienet aktar kreddibbli ghar-raguni li hija kienet ghadha zghira fl-eta ta' 17 il-sena, kienet vulnerabbli u ma kelliex mottivi hziena jew ulterjuri. Is-Socjeta tghalaq l-istqarrija tal-kaz taghha fejn tghid, li fid-dawl li l-kumpanija ghanda zero tolerance ghal incidenti bhal dawn, il-Bord ta' dixxiplina ddecieda fuq dak li rrizulta li kellu jittermina l-impjieg tar-rikorrent.**

**Mill-provi jirrizulta, li r-rikorrent kien impjegat bhala Kitchen assistant fuq kuntratt defenit li kien jiggedded minn sena ghal ohra mas-socjeta CareMalta Ltd fid-dar ta' l-anzjani Roseville li tinsab H'Attard.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li Ms Zvetlana Galea ghamlet rapport lill management tas-socjeta li r-rikorrent kien qed jghatiha fastidju sesswali kif spjegat aktar il-fuq fl'istqarrija tal-kaz tas-socjeta. Konsegwentament, il-management tas-socjeta agixxa permezz li nzjala proceduri ta' dixxiplina fil-konfront tar-rikorrent, fejn il-kaz gie mismugh minn Bord ta' dixxiplina, li wara li semgha l-verzjonijiet tal-partijiet ddecieda li x-xhieda ta' Ms Zvetlana Galea kienet aktar kredibbli u r-raguni principali li wasal ghal din il-konkluzjoni kienet, ghax meta r-rikorrent gie mistoqsi kemm il-darba hadem wahdu ma Ms Galea huwa wiegeb hames darbiet meta fil-fatt kien irrizultalhom li hadem aktar granet minn dak li kien indika hu.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali fil-waqt li Ms Galea sostient l-allegazzjonijiet kif gie spjegat fl'istqarrija tal-kaz tas-socjeta, minn naha tar-rikorrent fix-xhieda tieghu cahad li qatt ta' fastidju lill Ms Galea u jghid ukoll, li jista jghati l-kaz li aggixxit b'dan il-modd ghar-raguni li meta hadem maghha fit-28 ta' Novembru, 2013 u kienet kwazi spiccat il-gurnata tax-xoghol, hu kien gibed l-attenzjoni taghha li f'din il-gurnata tax-xoghol kwazi ma kienet ghamlet xejn. Huwa jghid ukoll, li kien wara dan l-incident li l-management tas-socjeta kien sejjahlu biex iwiegeb ghar-rapport li kienet ghamlet Ms Galea.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehdu wkoll Josephine Anne Ghigo, Sonia Vella u Ms Ruth Davison ilkoll ghadhom jahdmu fid-dar Roseville u lkoll xehedu individwalment, li huma kienu jahdmu mar-rikorrent, jafuh bhala ragel habrieki, jahdem, qatt ma kellhom problemi mieghu u lanqas qatt ma taghhom fastidju.**

**It-Tribunal Industriajli jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa li minn dak li jirrizulta mill-provi l-unika xhieda li kien hemm hija l-allegazzjonijiet li ghamlet Ms Galea u c-cahda li ghamel ir-rikorrent.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li l-Bord ta' Dixxiplina wasal ghal konkluzjoni biex jiddixxiplina lir-rikorrent mhux ghax kellu provi**

**bizzejjed li jikkonfermaw l-allegazzjonijiet fil-konfront tieghu, imma ghax meta gie mistoqsi kemm il-darba hadem wahdu ma Ms Galea huwa wiegeb hames darbet meta fil-fatt irrizulta li kien hemm drabi ohra.**

**Meta dan it-Tribunal Industrijali jezamina l-kaz kollu jasal ghal konkluzjoni, li l-fatt li r-rikorrent ma kienx jaf ezatt kemm il-darba hadem ma Ms Galea ma hix prova bizzejjed biex isib lir-rikorrent hati li wettaq l-allegazzjonijiet li gew imressqa fil-konfront tieghu.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li Statements of Case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet isib u jasal ghal-konkluzjoni, li ma kienx hemm provi bizzejjed biex ir-rikorrent jinstab hati ta' l-allegazzjonijiet li gew imressqa fil-konfront tieghu. Ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li t-terminazzjoni ta' l-impieg hija ngusta u bi ksur tal-ligi.**

**Dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li r-rikorrent ghandu jithallas kumpens minghand CareMalta Ltd (C 2838) li jammonta ghal €2,600 (elfejn u sitt mitt euro) liema kumpens ghandu jithallas fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-Decizjoni.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Iffirmat : Harold Walls**

**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Roe Galea**

**A/Segretarja**

**Data : 27 ta' Marzu, 2018**